MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010

Citazzjoni Numru. 588/2008

Emanuel u Mary Doris konjuġi **VASSALLO**

vs

**BANK OF VALLETTA p.l.c.** u Francis Caruana

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-6 ta' Ġunju, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-atturi talbu li din il-Qorti (a) ssib li l-imġiba tal-imħarrek Francis Caruana li, meta qabeż lil hinn mill-mandat minnhom lilu mogħti, sarraf żewġ *cheques* maħruġin minnhom u pagabbli lil terza persuna billi bidilhom f'*bank drafts* maħruġin mill-Bank imħarrek pagabbli lill-istess terza persuna, tikkostitwixxi frodi ċivili magħmul bi ħsara għalihom; (b)

issib li l-Bank imħarrek kien negliġenti fil-konfront tagħhom; (ċ) issib li l-imħarrkin, jew min minnhom, iridu jwieġbu għad-danni mġarrbin mill-atturi minħabba għamilhom; (d) tillikwida d-danni mġarrbin minnhom; u (e) tikkundanna lill-imħarrkin, jew lil min minnhom, iħallashom id-danni hekk likwidati;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Ġunju, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-Bank imħarrek fit-8 ta' Lulju, 2008, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni attriċi hija irrita, inammissibbli u nulla għaliex hija manifestament konfuża billi l-atturi jallegaw il-ksur kuntrattwali, il-frodi u n-negliġenza f'kawża waħda, u dan minbarra wkoll li huma qegħdin jitlobu d-danni a kawża tan-negliġenza (*ex delicto*) u mhux a bażi ta' ksur kuntrattwali (*ex contractu*), meta l-premessi tar-Rikors huma msejsin fuq il-ksur tar-rabta kuntrattwali. Bl-istess mod, l-azzjoni ma tiswiex għaliex waqt li kontra l-imħarrek l-ieħor l-azzjoni hija msejsa fuq għamil frawdolenti, fil-konfront tal-Bank eċċipjenti, l-każ jinbena fuq in-negliġenza. Laqa' wkoll fil-mertu billi qal li hu ma kien bl-ebda mod negliġenti f'għamilu u għalhekk ma jrid iwieġeb għall-ebda danni lejn l-atturi. Żied jgħid li jekk l-imħarrek Caruana qabeż il-mandat mogħti lilu mill-atturi, jrid iwieġeb għal dan l-istess Caruana u mhux il-bank eċċipjent, li ma kellu x'jaqsam xejn mal-istess mandat. F'kull każ, il-Bank ma kien bl-ebda mod miftiehem ma' Caruana f'xi mġiba li setgħet kienet frawdolenti. Kulma għamel f'dawn il-ġrajja kien skond il-prattika bankarja u l-liġi u b'bona fidi;

Rat illi l-imħarrek Francis Caruana naqas li jressaq Tweġiba Maħlufa minkejja li laqa' n-notifika bil-mezz tal-affissjoni u tal-pubblikazzjoni skond l-artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk waqa' kontumaċi;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2009, li bih qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukat difensur tal-atturi waqt is-smigħ tat-13 ta' Ottubru, 2009[1], li biha fisser li l-azzjoni kontra l-Bank imħarrek hija waħda ta' ksur ta' relazzjoni kuntrattwali bejn il-Bank u klijenti tiegħu (l-atturi), u seħaq li l-allegazzjonijiet tal-atturi ta' mala fidi ma jirreferux għall-imsemmi Bank, iżda għall-imħarrek l-ieħor;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tat-13 ta' April, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-eċċezzjonijiet preliminari dwar in-nullita' tar-Rikors maħluf tal-atturi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għad-danni. L-atturi jgħidu li huma taw mandat lill-imħarrek Caruana, fuq offerta magħmula minnu stess, biex iħallsilhom kont li huma kellhom mal-Awtorita' dwar it-Trasport (kif kienet għadha tissejjaħ dak iż-żmien) billi tawh f'idejh żewġ *cheques* pagabbli lill-istess Awtorita'. Jgħidu li minflok Caruana għadda biex iħallas id-dejn tagħhom, mar il-Bank, talab li jinħarġu *bank drafts* tal-istess ammont taż-żewġ *cheques* u wżahom biex iħallas dejn li kellu hu mal-istess Awtorita' u mhux id-dejn li kellhom l-atturi. L-atturi jqisu li dan l-għamil ta' Caruana kien wieħed frawdolenti, u jixlu lill-Bank imħarrek li ma messu qatt laqa' t-talba ta' Caruana biex isarraf l-imsemmija *cheques* maħruġin minnhom kif talbu jagħmel l-imħarrek Caruana;

Illi l-Bank imħarrek laqa' b'eċċezzjonijiet preliminari u wkoll b'oħrajn fil-mertu. L-ewwel eċċezzjonijiet preliminari huma dawk tan-nullita' tal-att ġudizzjarju. Il-Bank imħarrek jibni din l-eċċezzjoni fuq tliet fergħat: li t-talbiet attriċi jiġbru f'keffa waħda l-ksur kuntrattwali, l-frodi u n-

[1] Paġ. 33 tal-proċess

negliġenza (l-ewwel eċċezzjoni); li m'hemmx rabta bejn il-premessi u t-talbiet – billi tal-ewwel jinbnew fuq il-kawżali tan-nuqqas ta' adempiment kuntrattwali filwaqt li t-talbiet jinbnew fuq il-bażi tad-dannu *ex delicto* (t-tieni eċċezzjoni); u li ma tistax issejjes kawża fejn kontra parti mħarrka tallega frodi u kontra parti oħra tallega n-negliġenza dwar l-istess fatt (is-sitt eċċezzjoni);

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari li, fis-sewwa, għandhom l-għan wieħed li jwaqqgħu l-azzjoni attriċi;

Illi l-Qorti jidhrilha li, qabel xejn, hu xieraq li tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-elementi legali tal-eċċezzjoni taħt eżami billi ttenni li għandha ssir distinzjoni bejn in-nullita' ritwali ta' att ġudizzjarju u l-infondatezza fil-mertu tat-talbiet infushom. Il-Qorti tifhem li fil-każ ta' eċċezzjoni ta' nullita' tal-att (bħalma għandha quddiemha f'dan il-każ), hija trid tfittex u tqis biss dwar dik in-nullita' li tkun imputabbli għal difett ta' forma aktar minn wieħed ta' sustanza (fis-sens ta' żball jew nuqqas sostantiv)[2], liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali[3];

Illi ma' dan il-Qorti żżid tgħid ukoll li għandha ssir distinzjoni oħra dwar in-nullita' ta' att, u jiġifieri dik li tagħraf bejn nullita' assoluta u dik relattiva. F'tal-ewwel, il-Qorti għandha dmir li tiġbed l-attenzjoni tal-partijiet u tieħu provvediment ukoll *ex ufficio*, imma mhux hekk il-każ f'tat-tieni[4]. Minbarra dan, biex att ġudizzjarju jiġi dikjarat null u jitwaqqaf il-kors tiegħu, "*jeħtieġ li jkunu jikkonkorru raġunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta' evidenti preġudizzju għad-difiża tal-konvenut; u huwa risaput li l-leġislazzjoni u l-ġurisprudenza patrija ilhom progressivament jirrifuġġu mill-formliżmu eċċessiv, fonti*

---

[2] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)
[3] Ara App. Ċiv. **21.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[4] Ara P.A. SM **1.10.1910** fil-kawża fl-ismijiet ***Ludovico Magro vs Pio Żammit*** (mhix pubblikata), li fiha espożizzjoni ċara w tajba tal-effetti tan-nullita' ta' att ġudizzjarju

*ta' litiġji żejda u prokrastinazzjonijiet inutili, purke' ovvjament ma tirriżultax l-effettiva vjolazzjoni tal-liġi*"[5];

Illi l-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li r-Rikors Maħluf għandu jkun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[6];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex Rikors Maħluf jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[7] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[8];

Illi fil-każ preżenti, l-Bank imħarrek isemmi n-nullita' tar-Rikors Maħluf tal-atturi fuq il-bażi li l-atturi kellhom jagħżlu bejn talba u oħra tal-allegazzjoni tagħhom u bejn rimedju mitlub u ieħor u mhux jorbtuhom flimkien u jitolbuhom it-tnejn. Hawnhekk tinħoloq qagħda li hija l-oppost ta' meta tiġi eċċepita n-nullita' ta' Rikors Maħluf minħabba n-**nuqqas ta' talba meqjusa bħala meħtieġa**. Skond l-argument tal-Bank imħarrek, għalhekk, l-azzjoni attriċi hija milquta b'kontradittorjeta' minnha nnifisha li tagħmilha insanabbli. Din il-kontradittorjeta' jaraha fil-fatt li l-azzjoni attriċi tinbena fuq kawżali ta' rapporti ġuridiċi differenti;

Illi ta' min jgħid ukoll li l-Qrati tagħna kellhom f'għadd ta' każi mressqa quddiemhom it-taqbida li jqisu eċċezzjoni ta'

---

[5] App. Kumm. **15.4.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***John Mallia vs Maria Assunta Borġ et*** (mhix pubblikata)
[6] Ara, per eżempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748)**
[7] P.A. : **14.2.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[8] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Bonniċi vs Eucharistico Żammit noe et***

nullita' tal-att promotur ta' kawża fuq **il-bażi tal-kontradittorjeta' tal-kawżali u t-talbiet infushom**, u ġieli laqgħuha wkoll. L-istess jingħad għal każijiet fejn kawża waħda kienet fis-sewwa żewġ azzjonijiet f'daqqa li l-waħda teskludi lill-oħra[9]. Kien hemm sentenzi oħrajn li fissru l-limiti safejn għandha tmur il-Qorti biex tqis Rikors Maħluf bħala wieħed siewi, għalkemm ikun fih xi nuqqasijiet[10]. Din l-eċċezzjoni tqieset fid-dawl tal-artikolu 156(1) tal-Kapitolu 12, li jitkellem dwar il-ħtieġa li r-Rikors Maħluf ikun fih tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba;

Illi, kif ingħad f'għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna, id-distinzjoni bejn nullita' mtellgħa taħt il-paragrafu (ċ) u dik taħt il-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisti fil-fatt li, f'tat-tieni, l-att ġudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita' essenzjali meħtieġa mil-liġi, u mhux "sempliċi" ksur tal-forma preskritta[11]. Huwa xieraq li jissemma li l-liġi titkellem dwar "partikolarita' essenzjali" u mhux partikolarita' kwalsijasi. Biex partikolarita' f'att ġudizzjarju titqies bħala "essenzjali" jeħtieġ li jintwera li n-nuqqas tagħha f'dak l-att ixekkel serjament u irrimedjabbilment xi wieħed jew aktar mill-għanijiet leġittimi tar-regoli proċedurali li l-kawżi jimxu b'ħeffa, effiċjenza, ekonomija u ħarsien tal-jeddijiet u tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali[12];

Illi, f'waħda mis-sentenzi li qieset kwestjoni bħal din taħt eżami jingħad hekk: "*. . . ma hemmx kwestjoni li dottrinarjament huwa importanti li jiġu, għall-finijiet ta' l-oġġett tat-talba u tad-dritt li jiddeterminaha, eżaminati attentament il-fattijiet li jkunu taw lok għall-ġudizzju, u dawn il-fattijiet ma jistgħux ma jkunux a konjizzjoni tal-kontendenti; jekk minn dawn il-fattijiet jitnissel aktar minn dritt wieħed sabiex id-domanda tkun imressqa 'l quddiem f'ġudizzju, ma hemm xejn fil-liġi li l-attur li jippromwoviha*

---

[9] Ara, per eżempju, Kumm. **9.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Aquilina et vs Ruġġier noe*** (Kollez. Vol: **LXXIX.iv.1334**)
[10] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **6.3.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit Tabona noe et*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**)
[11] Ara, per eżempju, P.A. C.S.:**4.11.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri*** (mhix pubblikata)
[12] P.A. GCD **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Diane Vella et vs Medserv Operations Limited***

*ma jkunx jista' jiddeduċihom jekk jittendi li huma ntiżi għall-otteniment ta' l-oġġett propost, salv li l-istess ma humiex inkonċiljabbli. Dina r-redazzjoni ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma tirrendix dak l-istess att għall-kawżalijiet tiegħu mhux ċar, iżda se mai turi in forza ta' liema drittijiet ("jus petendi") l-attur ikun qiegħed jippromwovi l-azzjoni. Apparti dana, ebda preġudizzju ma jitnissel lill-konvenut minn dana l-aġir ġuridiku, ilgħaliex huwa jkun jista' jirripudja l-azzjoni attriċi għad-drittijiet kollha radikati fl-att promotorju tal-kawża. . .*"[13];

Illi jidher li hija ħaġa iebsa li tgħid b'regola minn qabel liema huma dawk l-azzjonijiet multipli li ma joqogħdux flimkien: il-kejl xieraq hu li l-kwestjoni titqies minn każ għal każ. Hekk, per eżempju, huwa stabilit li azzjoni pussessorja ma jmisshiex titressaq flimkien ma' waħda petitorja[14], jew li l-azzjoni ta' reintegrazzjoni tal-pussess (l-"*actio spolii*") ma titressaqx flimkien mal-azzjoni taż-żamma fil-pussess (l-"*actio manutentionis*") u dan minkejja li t-tnejn huma azzjonijiet pussessorji[15];

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li att ġudizzjarju m'għandux jitħassar kif ġieb u laħaq u, safejn jista' jkun, ma tħassrux. Din il-Qorti kellha kemm-il okkażjoni fejn stħarrġet il-kwestjoni tas-siwi ta' atti mressqa quddiemha u segwiet linja li ma tħallix il-kwestjoni sostantiva tinġieb fix-xejn fuq il-konsiderazzjoni tal-formalita', u din tibqa' l-fehma tagħha llum ukoll;

Illi din il-fehma tagħha hija msaħħa wkoll bi kliem il-liġi nnifishom meta, b'riferenza għas-sub-inċiż (ċ) tal-artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili jingħad li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' siwi tal-att ġudizzjarju ma tistax tingħata jekk kemm-il darba n-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistgħu jissewwew taħt kull dispożizzjoni tal-liġi. F'dan ir-rigward, jiġi f'moħħna l-artikolu 175 tal-istess Kodiċi li jħalli li jsiru

---

[13] App. Ċiv. **14.11.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ noe vs Vincenti*** (Kollez.Vol: **XXXIII.i.535,** a fol. 538)

[14] App. Ċiv. **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Buħaġiar et vs Buħaġiar*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.ii.778**)

[15] App. Ċiv. **7.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Tabone vs DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)

bidliet tassew radikali f'att ġudizzjarju b'mod li ma jħalluhx jitħassar[16];

Illi f'din il-kawża l-Qorti ssib li l-mod kif inhuma mfasslin it-talbiet attriċi jidher ċar li jippruvaw jolqtu l-imġiba taż-żewġ imħarrkin – Caruana u l-Bank. M'hemmx dubju li l-pretensjonijiet attriċi jitnisslu kollha mill-istess ġrajja, iżda l-atturi nfushom jgħabbu b'responsabbilta' differenti liż-żewġ imħarrkin. Dan il-fatt intwera ċar ukoll bil-kjarifika magħmula mill-għaref difensur tal-atturi waqt l-ewwel smigħ;

Illi m'għandux ikun hemm l-iċken dubju li ma hemm l-ebda nullita' ta' att ġudizzjarju fejn kawża waħda titressaq kontra iżjed minn parti waħda mħarrka. U lanqas iġib nullita' l-fatt li mhux it-talbiet kollha jkunu jolqtu lill-imħarrkin bl-istess mod. Dak li jgħodd ħafna hu li kull waħda mill-partijiet imħarrkin tkun f'qagħda li tagħraf dak li qed jiġi allegat kontriha u tkun f'qagħda li tiddefendi ruħha kontra dik l-allegazzjoni. Fil-każ tal-lum (u saħansitra mill-fatti msemmija fil-kontro-protest tal-bank imħarrek qabel infetħet il-kawża) jidher ċar li l-Bank imħarrek jagħraf sewwa x'inhu dak li l-atturi jixluh bih u li jidher li huwa midħla ta' fatti oħra li l-atturi nfushom għadhom lanqas semmew jew mhux fl-interess tagħhom li jsemmu;

Illi lanqas ma jista' jingħad li l-azzjoni attriċi tkun waħda "konfliġġenti" minn għeruqha jekk kemm-il darba tkun mibnija fuq iżjed minn kawżali waħda, sakemm l-istess kawżali ma jkunux ta' għamla li ma jkunux jistgħu għal kollox joqogħdu flimkien. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, l-atturi jallegaw (għaliex sa dan il-waqt kulma għandha quddiemha huma allegazzjonijiet li l-atturi għad iridu jippruvaw kif imiss) imġiba frawdolenti min-naħa tal-imħarrek Caruana, u mġiba negliġenti min-naħa tal-Bank imħarrek, indotta mill-qerq tal-istess imħarrek Caruana. Imbagħad, dik in-negliġenza wasslet għal ksur ta' obbligi kuntrattwali li l-Bank jista' jkollu mal-atturi bħala klijenti tiegħu. Il-Qorti ma tarax li f'dan il-kwadru hemm xi

[16] App. Inf. **15.1.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Keyland Co Ltd et vs Josephine Xuereb***

nullita' essenzjali u wisq anqas xi nullita' formali tar-Rikors Maħluf;

Illi, għall-istess raġuni wkoll, lanqas ma ssib li hemm nuqqas ta' rabta bejn il-premessi tar-Rikors u t-talbiet, għaliex l-espożizzjoni tal-fatti f'dawk il-premessi hija ċara biżżejjed biex qari bil-għaqal tagħhom juri fejn hemm l-attribuzzjoni ta' qerq, fejn hemm l-attribuzzjoni ta' negliġenza u fejn ukoll hemm l-attribuzzjoni tal-ksur kuntrattwali. Minbarra dan, it-talbiet m'humiex vagi u lanqas huma mfasslin fis-sura alternativa li jitfgħu l-għażla tar-rimedju f'ħoġor il-Qorti[17]

Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, l-Qorti ssib li l-eċċezzjonijiet preliminari dwar is-siwi tal-att ġudizzjarju promotur m'humiex mistħoqqa u għalhekk mhix sejra tilqagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-ewwel, it-tieni u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari** tal-Bank imħarrek, **bl-ispejjeż kontrih**, u dan billi ssib li l-azzjoni attriċi kif imressqa m'hijiex milquta min-nullita' għall-finijiet tal-artikolu 789(1)(ċ) u (d) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Moqrija**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[17] App. Inf. **12.6.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Grima et vs David Micallef noe***